# S. M. Maddalena de' Pazzi

## *Kontemplazzjoni fil-Knisja*

**minn Glen Attard, O.Carm.**

Fl-esperjenza ta' Santa M. Maddalena de' Pazzi, il-Knisja hija bħal ġisem mistiku, ġnien, għarusa, bini sabiħ, maqjel tan-nagħaġ, ġifen u, biex nibqgħu mat-tema, baħar li fih tgħum kull tip ta' ħlejqa. Dawn l-espressjonijiet kollha, għall-qaddisa, jaqdu funzjoni waħda, biex hija tgħin lill-aħwa fil-Knisja jiġġeddu interjorament u, huma u jagħmlu dan, iġeddu l-komunità tal-Knisja.

Il-Knisja teżisti għax wellidha l-Verb Umanat mill-kustat imdemmi tiegħu. Id-demm minn fuq is-salib ma jibqax mela aktar sinjal ta' mewt u makabrità, imma jsir simbolu tal-ħajja l-ġdida li qed titwieled fil-persuna tal-Verb innifsu flimkien ma' ommu u d-dixxiplu l-maħbub minn taħt is-salib. Il-ħajja li tingħata minkejja kollox issir l-akbar sinjal li tqanqal lid-dixxipli ta' Ġesù u b'hekk tiġborhom f'komunità waħda, fil-Knisja. Il-qaddisa tagħmel verament tagħha x-xena mill-Ktieb tal-Apokalissi li fiha "dawk li ġejjin mit-taħbit il-kbir, ilbieshom ħasluhom u bajduhom fid-demm tal-Ħaruf" (Apok 7:14), meta tgħid, "Id-demm iżejjen lill-erwieħ imbierka kif ir-rebbiegħa żżejjen bil-fjuri u s-siġar" (43 *Coll.* 124). Mhijiex qed titkellem dwar id-demm tal-mewt daqskemm dan l-att ta' għotja sħiħa, bla riżervi, u f'dan il-ġest il-Verb wera ferħ kbir. Huwa preċiżament f'dan il-ġest bla riżervi tal-Verb li l-Knisja titwieled. Fil-Verb l-erwieħ isibu l-eżempju biex jagħmlu l-istess. Tkompli titlob, "Agħmel li l-ġisem tal-Knisja jwelled l-erwieħ bl-istess mod kif Marija welldet il-Verb" (*ibid.*).

Mela minn din il-perspettiva, il-qaddisa titlob għal kull membru tal-Knisja, għar-reliġjużi, għall-presbiteri, għal dawk kollha li jemmnu, għal dawk li għadhom ma jafux lil Alla, għal dawk li jgħallmu tagħlim ħażin, għall-erwieħ tal-purgatorju, għall-kontemplattivi, u għall-verġni kkonsagrati. Tħoss li l-vokazzjoni speċjali tagħha hija li tinterċedi għalihom kollha quddiem il-Verb Maħbub; "minkejja li l-lejl huwa twil," tgħidlu, "agħtini l-qawwa f'ġismi għaliex ruħi lesta ... ħa jdum l-impenn qasir ta' dal-lejl li noffrilek il-ħolqien kollu, o Verb, sakemm jiġi l-ministru tiegħek biex mingħandu nirċievi Ġismek u Demmek. L-għotja tiegħi tkun dejjem l-istess, minkejja li f'forom differenti, għaliex dejjem magħquda mad-demm għażiż tiegħek" (*ibid.* 95). Imma x'inhuma eżattament dawn il-forom differenti li ssemmi? Tweġibna fl-aħħar tal-istess meditazzjoni: hija tingħata lill-Verb fil-fidi, fil-parteċipazzjoni tal-ħajja tiegħu, fil-ħniena, fil-ġustizzja, fil-verità, fl-umiltà, fil-kontemplazzjoni, fl-għerf, fil-biża' u fil-prudenza. Jekk għandna nitkellmu dwar it-tiġdid tal-Knisja, tgħidilna, għandna l-ewwel u qabel kollox niġġeddu f'dawn il-virtujiet tal-Verb (*ibid.* 130).

Għal de' Pazzi, il-Knisja hija wkoll bħal ġnien li jirrappreżenta lir-ruħ li, fl-irkejjen u fid-dimensjonijiet differenti tagħha, iddur madwar l-Għarus li huwa ġeneralment issimbolizzat bil-metafora tal-bir li jinsab dejjem fiċ-ċentru tal-ġnien u bl-ilma abbundanti tiegħu jagħti ħajja lill-istess ġnien (ara 2 *Rev.* 100). Fl-istess ħin, il-qaddisa tpoġġi subgħajha fuq fatt importanti biex tfakkarna li hawn m'aħniex nitkellmu dwar xi rumanz sabiħ. Il-Verb, li huwa bħal ġardinar, ikun aktar preżenti mar-ruħ fit-tribulazzjonijiet tagħha milli meta din, minħabba diversi raġunijiet, tantiċipa jew tgħaġġel it-tappi spiritwali u tagħmel frott bikri. It-temp xi kultant instabbli tar-rebbiegħa malajr jaħraq dal-frott bikri, u miegħu tintilef ukoll ir-ruħ li tkun bniet il-ħajja spiritwali tagħha fuq riżultati immedjati. Kif ngħidu bil-Malti, il-qattusa għaġġelija frieħ għomja tagħmel. Kif rajna diġà, huwa fil-prova li verament nuru

min aħna, u x'għandna verament għal qalbna. Kif tgħid il-qaddisa, Alla huwa onorat iżjed mill-għajta tal-midneb li jagħraf dnubietu, tal-fqir u l-eżiljat li jsib l-uniku kenn tiegħu f'Alla, milli fir-ruħ li ma jonqosha xejn, jew li sabet dejjem kollox lest, jew li tgawdi minn dal-frott bikri. Bħal fuq is-salib, il-Verb, tgħidilna l-qaddisa, "jipparteċipa iżjed fl-inxif tagħna milli fil-fekondità tagħna" (*ibid.* 101). Band'oħra, il-qaddisa titkellem dwar sinjal ċar li għandu jgħinna nirrealizzaw jekk aħniex dir-ruħ għaġġelija jew inkella dik galbata. Ir-ruħ għaġġelija, aljenata biha nnifisha, tmur tqerr biex tiskuża lilha nnifisha; hija tant marbuta magħha nnifisha u mar-rispett li tgawdi mill-erwieħ l-oħra li meta tinżel fil-fond tiskopri li fil-qiegħ m'hemmx qalb li tħabbat għal Alla iżda għaliha nnifisha. Mill-banda l-oħra, ir-ruħ galbata tmur tqerr biex takkuża lilha nnifisha ħatja quddiem Alla, tagħraf li dinbet, tagħraf li teħtieġ tikkonverti, u fuq kollox, meta ninżlu fil-qiegħ, naraw li qalbha tħabbat biss għal Alla (ara 47 *Coll.* 270).

Fl-esperjenza ta' de' Pazzi, il-Knisja hija wkoll bħal baħar li fih jinsab kull tip ta' ħlejqa. F'waħda mill-viżjonijiet tagħha, il-qaddisa tirrakkonta li rat baħar kbir b'għadd ta' erwieħ mexjin fuqu. Dawk li kienu mlibbsin għerqu bil-piż ta' lbieshom, imma dawk li ġiethom f'moħħhom li jinżgħu ħwejjiġhom ma għerqux u waslu sax-xatt (23 *Coll.* 249). Il-viżjoni mill-ewwel toħodna għal dik ix-xena ta' meta l-Appostli, imbeżżgħin f'nofs ta' lejl, raw lil Ġesù riesaq lejhom miexi fuq il-baħar (Mt 14:25-26). Il-viżjoni tal-qaddisa mela hija indikazzjoni tal-isforz tar-ruħ li tfittex li timita lill-Verb, partikularment waqt iż-żmien tal-prova, hekk kif Pietru, bħal Ġesù, fittex li jimxi hu wkoll fuq il-baħar. Niftakru li l-unika ħaġa li żammitu lura (u minħabba f'hekk kien se jegħreq) ma kienx il-piż imma n-nuqqas ta' fidi tiegħu (Mt 14:31). "O Ġesù twajjeb, għajnejna huma mdallma u mċajpra, ma narawx id-dawl. Min jista' jinħeles minn tant irbit? Neħtieġu għajnejn safja biex ma nkunux maqbudin fin-nassa tat-tlellix, neħtieġu nkunu qawwijin biex ma nintrebħux. Agħtina, mela, minn dan id-dawl, Alla tiegħi" (*Rin.* 46-47).

Dan it-tiġdid interjuri tal-Knisja, flimkien mal-impuls kreattiv u kuraġġuż li jitlob mill-fidili Nsara, huwa dak li jimbotta lill-qaddisa biex taqsam ħsibijietha mhux biss ma' ħutha fil-komunità, kif rajna s'issa, imma wkoll ma' diversi membri importanti fil-Knisja. Il-kollezzjoni ta' kitbietha jagħlqu b'sett ta' tnax-il ittra li hija kitbet lil konfessuri, retturi, pirjoli u gwardjani, sorijiet ta' Ordnijiet oħrajn, isqfijiet, kardinali, u saħansitra lill-Papa Sistu V innifsu, u kollha jduru madwar tema waħda fundamentali, it-tiġdid interjuri tal-Knisja. Ix-xewqa tal-qaddisa kienet waħda għall-Knisja kollha, li kulħadd jasal, kif waslet hi, biex iħobb dik "l-Imħabba Mhux Maħbuba" li hija "ħajja kollha ħlewwa u ta' min iħobbha li tagħti l-ħajja" (*Prob.* 99-100). Kontra "l-ħafna ħażen u d-dnubiet ma jaqtgħu xejn" li hemm fil-Knisja, kif ukoll kontra "l-intiena u l-ħmieġ" li jkerrhu u jħarbtu



*Pietro Baratta (1668-1729). "Visione di Santa Maria Maddalena de' Pazzi".*

l-ġnien tal-Knisja (*Rin.* 55-56, 92), insibu, fl-ittri qawwija tal-qaddisa, stedina kontinwa biex "ilkoll nimpenjaw irwieħna ħalli nerġgħu naraw miżmum sewwa l-ġnien tal-Knisja Mqaddsa! Biex immorru nsaqquh bid-Demm ta' Kristu Msallab, u nxerrdu, b'xewqa li nreġġgħu lura l-erwieħ għand Alla, nida ta' dmugħ li flimkien mal-għarusa jsejħu lill-Għarus ħa jiġi fil-ġnien tiegħu biex jaħsad il-frott tiegħu" (*ibid.* 99). Għall-qaddisa kien ċar ferm, u għandu jkun ċar ferm għalina wkoll, li t-tiġdid tal-Knisja jseħħ jekk huwa mqanqal mill-imħabba vera li twassalna biex radikalment nerġgħu lura lejn Kristu.